

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tad-4 ta' Mejju 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Curtea de Apel Timișoara – ir-Rumanija) – T.A.C. vs Agenția Națională de Integritate (ANI)

(Kawża C-40/21 ⁽¹⁾, Agenția Națională de Integritate)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Deċiżjoni 2006/928/KE – Mekkaniżmu għall-kooperazzjoni u l-verifika tal-progress fir-Rumanija sabiex jiġu indirizzati punti ta' riferiment speċifiċi fl-oqsma tar-riforma ġudizzjarja u tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni – Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Artikolu 15(1) – Artikolu 47 – Artikolu 49(3) – Funzjonijiet pubbliċi elettivi – Kunflitt ta' interessi – Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi projbizzjoni li wieħed jikkupa funzjonijiet pubbliċi elettivi għal perijodu stabbilit minn qabel – Sanzjoni komplementari għall-waqfien tal-mandat – Prinċipju ta' proporzjonalità)

(2023/C 216/04)

Lingwa tal-kawża: ir-Rumen

Qorti tar-rinviju

Curtea de Apel Timișoara

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: T.A.C.

Konvenut: Agenția Națională de Integritate (ANI)

Dispożittiv

- 1) L-Artikolu 49(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea għandu jiġi interpretat fis-sens li ma japplikax għal leġiżlazzjoni li tipprevedi, wara proċedura amministrattiva, miżura ta' projbizzjoni mill-eżerċizzju ta' kull servizz pubbliku elettiv għal tul stabbilit minn qabel ta' tliet snin kontra persuna li fir-rigward tagħha tkun ġiet ikkonstatata l-eżistenza ta' kunflitt ta' interessi fl-eżerċizzju ta' tali funzjoni, fil-każ fejn din il-miżura ma tkunx ta' natura kriminali.
- 2) Il-prinċipju ta' proporzjonalità għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi miżura ta' projbizzjoni mill-eżerċizzju ta' kull funzjoni pubblika elettiva għal perijodu stabbilit minn qabel ta' tliet snin kontra persuna li fir-rigward tagħha tkun ġiet ikkonstatata l-eżistenza ta' kunflitt ta' interessi fl-eżerċizzju ta' tali funzjoni sakemm, fid-dawl taċ-ċirkustanzi rilevanti kollha, l-applikazzjoni ta' din il-leġiżlazzjoni twassal għall-impożizzjoni ta' sanzjoni adegwata mal-gravità tal-ksur li hija tippenalizza, fid-dawl tal-għan li tiġi ggarantita l-integrità u t-trasparenza fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet u tal-karigi pubbliċi kif ukoll li tiġi evitata l-korruzzjoni istituzzjonali. Dan ma jkunx il-każ meta, eċċezzjonalment, l-aġir illegali kkonstatat, fid-dawl ta' dan l-għan, ma jkollux element ta' gravità filwaqt li l-impatt ta' din il-miżura fuq is-sitwazzjoni personali, professjonali u ekonomika ta' din il-persuna jirriżulta li jkun partikolarment gravi.
- 3) L-Artikolu 15(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea għandu jiġi interpretat fis-sens li d-dritt li jiġi eżerċitat mandat elettorali miksub wara proċess elettorali demokratiku, bħal dak ta' sindku, ma jaqax taħt din id-dispożizzjoni;
- 4) L-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi miżura ta' projbizzjoni mill-eżerċizzju ta' kull servizz pubbliku elettiv matul perijodu stabbilit minn qabel ta' tliet snin kontra persuna li fir-rigward tagħha ġiet ikkonstatata l-eżistenza ta' kunflitt ta' interessi fl-eżerċizzju ta' tali funzjoni, sakemm il-persuna kkonċernata jkollha effettivament il-possibbiltà li tikkontesta l-legalità tar-rapport li jkun wettaq din il-konstatazzjoni u tas-sanzjoni imposta abbażi tiegħu, inkluża l-proporzjonalità tagħha.

⁽¹⁾ ĠU C 289, 19.7.2021.